



Brussell, 12 ta' Lulju 2018
(OR. en)

Fajls Interistituzzjonali:
2018/0224(COD)
2018/0225(COD)
2018/0226(NLE)

10656/2/18
REV 2

RECH 306
COMPET 490
ATO 41
IND 185
MI 503
EDUC 275
TELECOM 207
ENER 258
ENV 480
REGIO 52
AGRI 322
TRANS 299
SAN 212
CADREFIN 133
CODEC 1197

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Nru dok. Cion:	9865/18 + ADD 1 9870/18 + ADD 1 9871/18 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni - Konsultazzjoni fakultattiva tal-Kumitat tar-Reġjuni Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perjodu 2021-2025 li jikkumplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni - Konsultazzjoni fakultattiva tal-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹

¹ L-uniku għan ta' din in-nota huwa li tittieħed deċiżjoni dwar il-konsultazzjoni ta' istituzzjoni oħra/korp ieħor u mhux dwar is-sustanza.

1. Fis-7 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposti li ġejjin:
 - a) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi **"Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jistabbilixxi r-regoli għall-parteciġipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu"**¹
 - b) Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-**programm speċifiku** li jimplimenta Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni²
 - c) Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-**Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika** għall-perjodu 2021-2025 li jikkumplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni³
2. Il-proposta għal Regolament li jistabbilixxi Orizzont Ewropa hija bbażata fuq it-Titoli tat-TFUE "L-Industrija" u "Ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-ispazju" (l-Artikoli 173 u 182, 183 u 188).
3. Il-proposta għal Deċiżjoni li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li ser jimplimenta Orizzont Ewropa hija bbażata fuq it-Titoli tat-TFUE "L-Industrija" u "Ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-ispazju" (l-Artikoli 173 u 182).
4. Il-proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika hija bbażata fuq l-Artikoli 4 u 7 tat-Trattat Euratom.

¹ 9865/18 + ADD 1.

² 9870/18 + ADD 1.

³ 9871/18 + ADD 1.

5. Il-proċeduri għall-adozzjoni tal-Programm Kwadru u l-programm speċifiku jipprevedu l-konsultazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. L-Opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni mhix meħtieġa. Madankollu, għandu jiġi mfakkar li l-Kumitat tar-Regġuni ġie kkonsultat dwar il-proposta għal Orizzont 2020 u l-programm speċifiku tiegħu⁴. Għalhekk, għal raġunijiet ta' konsistenza, jidher xieraq li l-Kumitat tar-Regġuni jiġi kkonsultat ukoll fir-rigward tal-proposti attwali.
6. Skont l-Artikolu 7 tat-Trattat Euratom, il-programm ta' riċerka u taħriġ tal-Komunità għandu jiġi adottati b'mod unanimu mill-Kunsill. Għalhekk l-opinjonijiet ta' istituzzjonijiet jew korpi oħra mhumiex meħtieġa. Madankollu, għandu jiġi mfakkar li l-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ġew ikkonsultati dwar il-proposti taħt Orizzont 2020⁵. Għalhekk, għal raġunijiet ta' konsistenza, jidher xieraq li l-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jiġu kkonsultati wkoll fir-rigward tal-proposta attwali.
7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jiddeċiedi, f'konformità mal-Artikolu 19(7)(h) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, li jikkonsulta lill-Kumitat tar-Regġuni, il-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, rispettivament, fir-rigward tal-proposti ta' hawn fuq u jitlobhom jagħtu l-opinjonijiet tagħhom mill-iktar fis possibbli.

⁴ ĠU L 277, p. 143 tat-13 ta' Settembru 2012.

⁵ ĠU C 436, p 76 tal-24 ta' Novembru 2016 għall-opinjoni tal-Parlament Ewropew u ĠU C 181, p. 111 tal-21 ta' Ġunju 2012 għall-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.